**Minuti tal-Laqgħa nru 36 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 21 ta' Jannar 2010 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.20 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.15 p.m. | 10.20 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.15 p.m. | 10.20 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.10 p.m. | 10.20 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.15 p.m. | 10.20 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 7.25 p.m. | 10.20 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | Skużata | marida |
| Kunsillier Paul Agius | 7.00 p.m. | 10.20 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.20 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.15 p.m. | 10.20 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.10 p.m. | 10.20 p.m. |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

1.01 Fil-bidu tal-laqgħa is-Sindku qal li huwa xtaq jiġbed l-attenzjoni u jesiġi li din titniżżel fil-minuti li l-agenda ta' din il-laqgħa kif ċirkulata mis-Segretarju saret mingħajr konsultazzjoni tiegħu kif inhu mitlub mil-liġi.

1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-item 1,2,3,4,11 u 14 huma statutorji filwaqt li items 5,7,8,9 kienu items li matul ix-xahar meta s-Sindku jiġi l-uffiċju jagħtih struzzjonijiet sabiex jidħlu fl-agenda tal-laqgħa li jmiss. Is-Segretarju jgħaddi dawn l-istruzzjonijiet lis-Skrivana (Nadia Camilleri) li tieħu ħsieb iddaħħalhom fl-agenda. Dwar l-items l-oħra huwa ħass li kien importanti li jidħlu fl-agenda peress li s-Sindku ma kienx mar l-uffiċju huwa ħass l-obbligu li jidħlu fl-agenda.

**2.0 Tagħrif mill-Minuti**

2.01 Is-Sur Demartino ippreżenta ċertifikat tat-tabib ta' meta huwa kien falla milli jattendi għal laqgħa Nru 32 sabiex kif qal hu juri li huwa kien jattendi għal-laqgħat b'mod regolari u kien biss meta ma kienx jiflaħ jew kellu luttu fil-familja li huwa ma kienx attenda.

**3.0 Approvazzjoni tal-Minuti Nru 34 u 35 tal-laqgħat tat-3 u tas-17 ta' Diċembru 2009**

3.01 Is-Sindku qal li kien ser issir biss l-approvazzjoni tal-laqgħa Nru 34 tas-17 ta' Diċembru 2009.

3.02 Huwa ippreżenta lis-Segretarju noti miktubin bil-korrezzjonijiet li huwa xtaq jagħmel għal minuti tal-Laqgħa 34 (noti annessi).

3.03 Il-korrezzjonijiet huma kif jidhru hawn taħt:

3.04 F'item 3.01 tiżdied is-sentenza fl-aħħar tal-paragrafu:

***"Hawnhekk s-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-ittra ta' Dr Chris Said datata 10 ta' Novembru 2009 fejn qal li żdiedu l-allokazzjonijiet diretti għall-Kunsilli Lokali li għalihom hemm ivvutati 2 miljun oħra, fosthom "Fond għall-ħidma fil-Qasam Soċjali".***

3.5 F'item 4.00 talab li tiżdied is-sentenza:

"***u minħabba f'hekk il-Kunsilliera ma setgħux jiskrutinizzaw il-minuti sabiex ikunu jistgħu jiġu approvati. Għaldaqstant ġie deċiż illi l-minuti tal-Laqgħa Nru 33 jitressqu għall-approvazzjoni tal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Hawnhekk is-Segretarju qal li l-minuti huma prerogattiva tiegħu u jekk hemm bżonn jista jġibhom anke waqt il-laqgħa. Qal ukoll li hu mhux mal-Kunsill għandhu x'jaqsam, għax skont il-liġi l-ġdida huwa sar impjegat tal-Gvern".***

3.6 Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv oġġezzjona għal din l-emenda għaliex ma kienx qed jiġi ikkwotat sew. Huwa kien qal li il-lejalta tiegħu kienet lejn il-Gvern Centrali u li jħares il-liġi billi ma jħallix li din tinkiser. Qal li huwa kien fid-dover li jintervjeni meta jara li l-affarijiet mhux isiru skond il-liġi u kien obbligat jikteb rapport lid-Direttur meta jħoss li jkun hemm bżonn li jagħmel dan.

3.07 F'item 5.00 jiżdiedu il-kliem "**kif annessi**" wara il-kelma "pagamenti".

3.08 F'item 6.07 wara il-kelma **"finali"** jiżdiedu il-kliem fil-brackets **"full and final settlement".**

3.09 Jiżdied paragrafu Nru 6.09 kif ġej:

***Kien hemm korrispondenza oħra relatata ma xi permessi tal-bini fil-Mosta u meta saqsejtek id-data, meta ġiet inti irripsondejtni li din waslet f'Marzu.***

3.10 Hawn is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-laqgħa li huwa kien dejjem jipprepara l-ittri li jirċievi l-Kunsill sabiex jiġu trattati fl-item tal-Agenda "korrispondenza" iżda kważi dejjem għal xi raġuni jew oħra dan l-item ma jsirx jew ma jkunx hemm ħin li tiġi moqrija il-korrispondenza kollha. Għalhekk il-korrispondenza tiskadi billi tkun ilha li waslet. Huwa qal li barra hekk l-korrispondenza kollha titpoġġa fil-files fuq il-mejda tal-Kunsill.

3.11 F'item 9.01 fl-aħħar tas-sentenza jiżdiedu l-kliem "**u lis-Sindku**".

3.12 F'item 9.00 it-titlu "Staff Recruitement" għandhu jinbidel u jsir **"Ingaġġ ta' Skrivani ġodda".**

3.13 Il-paragrafu Nru 9.02 għandu jinbidel u jsir **"L-ittra tad-Direttur kienet qed tagħti struzzjonijiet etc- minnufih. Dan seħħ wara li d-Dipartiment wasallu rapport uffiċċjali mis-Segretarju Eżekuttiv li fih hemm allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet. Għaldaqstant etc. Persuna klerikali".**

*3.14* F'paragrafu 9.03 jiżdiedu l-kliem ***"mingħajr l-anqas biss ġaba għall attenzjoni tal-Kunsill".***

3.15 Dwar paragrafu 10.03 is-Sindku talab lill-Kunsillier Chris Grech sabiex jikkonferma dak li hemm fil-minuti. Il-Kunsillier Grech qal li huwa ma kienx jaqbel li il-handymen jingħataw ix-xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix.

3.16 F'paragrafu 10.04 tinbidel il-kelma "handyman" wara in-nurmu 3 u issir "**ħaddiema**".

3.17 F'paragrafu 11.01 jiżdiedu il-kliem "**għal żmien sena**" fl-aħħar tas-sentenza.

3.18 F'paragrafu 13,01 wara il-kliem "dwar dan" jiżdiedu il-kliem "**minħabba l-pressjoni li qed issir lill-Kunsill mill-Ministeru minħabba il-qagħda finanzjarja"** fl-aħħar tas-sentenza.

3.19 F'paragrafu 13.02 jinqatgħu l-kliem "Bronk Produntions" u jidhru l-kliem "**Ray Sammut**" minflok. Jiżdiedu ukoll il-kliem "**Ġie deċiż li għandu**" fil-bidu tal-aħħar sentenza.

## 4.0 Korrispondenza

4.01 Il-korrispondenza ma saritx iżda is-Sindku qal li għandu ittra li xtaq jġiba għall-attenzjoni tal-Kunsill.

4.02 Is-Sindku qara ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Prim Ministru bid-data tal-15 ta' Diċembru li iżda huwa qal li kien irċevija issa. Din l-ittra kienet b'risposta għall-ittra tas-Sindku tal-14 ta' Novembru 2009 fejn talab għal **"informazzjoni aktar speċifika"** għal oqsma li dwarhom is-Sindku intalab jieħu azzjoni. Il-Prim Ministru spjega li l-Avviż Formali tal-4 ta' Mejju 2009 kien isemmi ħames materji li riedu jiġu indirizzati. Dan l-avviż kien ġie estiż fil-15 ta' Lulju 2009. Il-Prim Ministru qal fl-ittra li kien għad fadal żewġ oqsma li għadhom ma ġewx indirizzati li kienu:

**a) li għadhom jingħataw ordinijiet jew direttivi b'mod arbitrarju – u cioe' li ma jkunux ġew approvati minn qabel mill-Kunsill, u dan kontra l-leġislazzjoni dwar gvern lokali u**

**b) tinġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera kollha dwar id-dmirijiet tagħhom bħala membri eletti fil-Kunsill Lokali u li dawn l-obbligi jridu jsegwuhom kif tilob il-liġi.**

4.03 Is-Sindku qal li huwa ma jafx għalxiex kien qed jirreferi l-Prim Ministru u li huwa kien ser jerġa jikteb lill-Prim Ministru. Is-Sur Demartino semma il-każ ta' meta nħareġ tender mingħajr ma' l-Kunsill ġie infurmat.

## 5.00 Sospensjoni tar-Regolamenti

Billi l-ħin beda jgħafas is-Sindku talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex tiġi trattata item 9 " Memo 90/2009". Ġie approvat unanimament li jsir sospensjoni tar-regolamenti.

5.01 Dwar Memo 90/2009 ġie deċiż li taħt l-iskema tal-CPPS tal-MEPA jintalab li jsiru Pjazza Tabib Chetcuti , Triq Enrico Mizzi, u Wesgħet il-Plejju għax dawn jistgħu jidħlu taħt l-iskema ta' parking li jkopri il-fond tas-CPPU.

5.02 Mil-budget tal-Kunsill għal 2010 għandu jsir asfaltar u bankini mill-ġdid ta' Triq il-Wied. Ġie deċiż iżda li l-kisi tat-trinka li saret dan l-aħħar mill-privat titħallas mill-privat. Dan ix-xogħol għandu jsir taħt il-kuntratt tal-"Period Contract" li ingħata lill-V & C Contractors. Għandu jsir testjar tal-materjal u tal-kwalita tax-xogħol kif suppost sabiex jiżgura li x-xogħol isir sew.

5.03 Għandu jsir survey ta' u Wesgħet il-Plejju u Triq il-Wied billi tinħareġ talba għal quotations.

5.04 Ġie approvat li jinħatar perit ad hoc sabiex jipprepara stima min qabel tal-ispejjes sabiex isiru dawn it-toroq billi jintuża l-Perit tal-Contrcats Manager. Ġie propost li jinħatar il-Perit Charles Buhagiar . Intalbet votazzjoni u din għaddiet b'6 voti favur u 3 kontra.

5.05 Dwar il-fond tal-UIF s-Sindku spjega li ser isiru sqaqien bil-paving. Il-Perit Buhagiar kien qed jaħdem fuq dan. Fil-fatt il-fondi kienu diġa ġew approvati mill-MEPA. Kien

baqa biss li jinbidlu xi sqaqin billi nstab li xi sqaqien li kien intalab li jsir ix-xogħol fuqhom ma kienux pubbliċi u għalhekk irid isir eżerċizzju ġdid sabiex jiġu identifikati sqaqien oħra għal dan il-proġett.

5.06 Ġie deċiż li tinkiteb ittra lid-Dipartiment tal-Housing dwar il-possibilita li dan jiffinanzja l-embellishment u asfaltar tat-toroq li baqa jsiru madwar il-Housing Estate ta' Mlit.

5.07 Is-Sur Paul Agius informa li skond Memo 12/2010 ser jintalab li l-Kunsill jingħata 370 siġra kif ġej –

- 170 siġra taż-żebbuġ sabiex jitħawlu fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta.
- 50 siġra tal-prinjol għall-Triq il-Fortizza
- 50 siġra taż-Żebbuġ għad-diversi housing estates fil-Mosta
- u 100 siġra taċ-Ċipress għall-Triq id-Difiża Ċivili

5.08 Il-Kunsillier Mario Sammut u l-Viċi Sindku is-Sinjura Josette Agius Decelis intalbu jistudjaw il-proposta Nru 15 tal-Memo 90/2009 dwar 'Inizzjattivi fil-Qasam Soċjali'.

5.09 Dwar Item 21 tal-Memo 90/2009 ġie deċiż li jiddaħħlu Pjazza San Anton Abbati u Pjazza San Anard.

5.10 Dwar item 8 tal-Memo 90/2009 meta jinħarġu dettalji tal-iskema Private Public Partnership għandhom jiddaħħlu:

Storm Water Culverts għal:

1. Triq il-Barrieri
2. Triq id-9 ta' April
3. Triq it-Trinċetta
4. Triq it-Torri
5. Ħdejn il-Monument tal-Ħajja fir-Ring Road.

5.11 Dwar Nru 19 tal-Memo 90/2009 'Restawr ta' Postijiet Storiċi', is-Sindku qal li l-Perit Buhagiar kien diġa ipprepara għal dan il-proġett ta' restawr tad-diversi niċeċ etc.

5.12 Is-Sur Paul Agius ġie inkarigat jaħdem fuq item 17 tal-memo 90/2009 dwar lokalitajiet indaf.

5.13 Il-Perit Chris Grech intalab jieħu ħsieb item 7 tal-istess memo 90/2009 dwar 'Proġetti Pilota ta' Toroq'.

5.14 Il-Viċi Sindku ġiet ukoll inkarigata minn Nru 16 tal-Memo 90/2009 li tirrigwardja 'Ħidma ma' Tfal li jfallu L-Iskola'.

**6.0** Il-Kunsill għadda għall-item 6.00 tal-Agenda – '**Żieda fil-prezz tal-ġbir tal-iskart'.**

6.01 Is-Sindku talab li ssir laqgħa mal-kuntrattur sabiex dan jispjega u jissostanzja it-talba tiegħu għall-żieda ta' 10%. Ġie deċiż li issir din il-laqgħa li fiha għandu jkunu preżenti is-Sindku, il-Kunsillier Paul Agius u s-Segretarju Eżekuttiv u tiġi nnegozjata rata ġusta ta' żieda fil-prezz.

**7.0 Finanzi**

7.01 Ġew approvati żewġ listi ta' pagamenti kif ġej:

1. Pagamenti Total €115,166.12
2. Pagamenti li saru b'urġenza Total €31,692.31

7.02 Ġie approvat ukoll li jsir l-pagament immedjat għall-Banda li nġabet għaċ-ċerimonja tal-mixegħla ta' dawl tal-Milied fit-toroq prinċipali tal-Mosta.

7.03 Il-laqgħa ġiet informata li nġabru ftit aktar mis-somma ta' 35% tal-ispejjes għad-dwal tal-Milied. Is-Segretarju Eżekuttiv ntalab jibgħat rendikont tal-flus li nġabru mingħand tal-ħwienet lill-Kunsilliera kollha kif ukoll lis-Sinjuri Zerafa, Magri u Zammit li huma rappreżentanti tal-ħwienet involuti.

**8.0 Kwotazzjonijiet għall-Konsulent dwar "Preparation for Sustainable Energy Plan"**

8.01 Is-Sindku spjega li d-Dipartiment waqqaf is-sejħa għal kwotazzjonijiet ta' konsulent għall-iskema ta' enerġija sostenibbli għall-Mosta taħt il-Patt tas-Sindki. Dan sar għaliex kienu saru xi żbalji mill-impjegata li ġiet inkarigata mis-Sindku sabiex toħroġ din it-talba għall-kwotazzjonijiet. Huwa qara 'istatement' li għamlet l-impjegata. Ġie deċiż li terġa tinħareġ it-talba għall-kwotazzjonijiet mill-ġdid.

**9.0 Riżenji: - Nicola Fenech Adami – Kumitat tal-Lgħajba**
**Charlie Vella , Alfred Bartolo – Kumitat tal-Kultura**

9.01 Is-Sinjorina Nicola Fenech Adami ikkonfermat li hija kienet qed tirriżenja mill-kumitat tat-tmexxija tal-Grawnd tal-Lgħajba.

9.02 Is-Sindku spjega li kien hemm *misunderstanding* dwar ir-riżenja tas-Sinjuri Charlie Vella u Alfred Bartolo. Huwa ikkonferma li dawn għadhom membri tal-kumitat tal-Kultura.

9.03 Il-Perit Chris Grech semma l-problema tal-ħlas tal-kont tal-elettriku tal-Grawnd tal-Lgħajba u insista li jekk ma tinstabx soluzzjoni kien ser tinqata l-provvista tad-dawl għall dan il-kumpless sportiv . Ġie deċiż li l-Kunsillier Chris Grech jitlob laqgħa mal-Ministeru tal-Isports sabiex jara jekk tistgħax tingħata xi għajnuna minn dan il-Ministeru. Il-Kunsill Grech semma ukoll il-kundizzjoni ħażina tat-turf ta' dan il-ground.

**10.00 Materji Oħra**

10.01 Il-Kunsillier Paul Agius talab approvazzjoni li jinxtraw 'trophies' għal wirja tal-Għasafar bil-prezz ta' €530. Din it-talba ġiet approvata unanimament.

**11.0** Billi kien sar il-ħin il-laqgħa aġġornat għall-nhar il-Ħamis 11 ta' Frar fis-7,00 ta' filgħaxija.

**12.00** Agenda Items 2,3,4b,5,7,8,11 u 13 ma sarux.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.20 ta' filgħaxija.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv